MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2004

Citazzjoni Numru. 391/2003

**Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons.), LL.D., bhala mandatarju specjali ta' s-socjeta' estera NOVARTIS AG, ta' 4002 Basel, l-Isvizzera**

**Vs**

**Ultra Pharma Ltd.**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha gie premess illi l-attur nomine, debitur ta' prokura "ad litem" mahruga mis-socjeta' attrici, jirrappresenta lis-socjeta' estera NOVARTIS AG, li timmanifattura prodotti konsistenti f'preparazzjonijiet farmacewtici (aktar precisament prodott

kontra l-“fungus”) bl-isem ta’ “LAMISIL”, regolarment distribwiti ghall-bejgh f’Malta ghal diversi snin;

Premess illi inoltre, is-socjeta’ attrici ghandha registrati f’diversi pajjizi madwar id-dinja inkluz f’Malta t-“trademark” “LAMISIL”, u dan in konnessjoni ma’ prodotti farmacewtici;

Premess illi ghaldaqstant, bil-hila u bl-invenzjoni taghha, kif ukoll b’hafna sagrificcju finanzjarju u promozzjoni reklamattiva da parti taghha, is-socjeta’ attrici akkwizixxiet reputazzjoni u avvjament konsiderevoli kemm fuq is-suq barrani kif ukoll fuq dak lokali, in konnessjoni ma’ l-prodotti bl-isem ta’ “LAMISIL”;

Premess illi s-socjeta’ konvenuta bdiet timporta u/jew tiddistribwixxi ghall-bejgh fuq is-suq lokali prodotti konsistenti f’preparazzjonijiet farmacewtici (aktar precizament prodotti kontra l-“fungus”) bl-isem ta’ “LAMIFIN”, allegatament immanifatturati minn entita’ maghrufa bl-isem ta’ “ALFARES Pharmaceuticals” li tinsab f’Damasku, Is-Sirja;

Premess illi l-kelma “LAMIFIN” hija vizwalment u fonetikament wisq simili ma t-“tradmark” “LAMISIL” ta’ s-socjeta’ attrici, biex b’hekk hemm probabbilta ta’ konfuzjoni min-naha tal-pubbliku, inkluza probabbilta’ ta’ assocazzjoni ma t-“tradmark” “LAMISIL”;

Premess illi l-uzu llecitu ta’ s-sinjal “LAMIFIN” da parti ta’ s-socjeta’ konvenuta ikollu l-effett li jkun qed jittiehed vantagg illecitu fuq (kif fil-fatt qed isir) – u qed ikun detrimentali ghax-xorta distintiva u ghar-reputazzjoni ta’ – t-“tradmark” ta’ s-socjeta’ attrici;

Premess illi s-sinjal “LAMIFIN” li jidher fuq il-prodotti distribwiti ghall-bejgh mis-socjeta' konvenuta, jikkontravjeni d-drittijiet ta' s’socjeta' a’trici ghar-rigward ta' t-“trademark” registrat “LAMISIL” proprjeta’ taghha;

Premess illi ghaldaqstant l-agir ta’ s-socjeta’ konvenuta jikser id-disposizzjonijiet rilevanti ta’ l-artikolu ghaxra (10) subartikolu tnejn (2) para. "b" ta’ l-Att ta’ l-2000 dwar it-

"Trademarks" (Att Numru XVI ta' l-2000, kapitolu Erbgha Mija u Sittax – 416 – ta' l-Edizzjoni Riveduta ta' l-Ligijiet ta' Malta);

Premess illi s-socjeta' konvenuta, ghalkemm debitament interpellata permezz ta' ittra nterpellatorja datata 21 ta' Frar, 2003, sabiex "inter alia" tieqaf u tiddezisti mill-agir abusiv u llegali taghha, xorta wahda baqghet inadempjenti;

Premess illi permezz ta' digriet ta' t-8 ta' April 2003 is-socjeta' attrici ottenjiet il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni (numru 451/03GC) kontra s-socjeta' konvenuta in konnessjoni ma' din il-vertenza;

L-attur nomine ghar-ragunijiet hawn qabel indikati talab lil din l-Onorabbli Qorti:

1. tiddikjara li bl-uzu fil-kummerc ta' l-prodotti farmacewtici li fihom is-sinjal "LAMIFIN" is-socjeta' konvenuta kkontravvenjiet id-drittijiet ta' s-socjeta' attrici rappresentata mill-attur nomine fir-rigward ta' t-"trademark" ta' l-istess socjeta' attrici "LAMISIL", debitament registrat f'Malta;

2. tordna li s-sinjal kontravvenjenti jithassar, jitnehha jew jigi ngassat minn fuq oggetti, materjal jew hwejjeg fil-pussess, kustodja jew kontroll ta' s-socjeta' konvenuta, jew alternattivament (jekk dan ma jkunx ragjonevolment prattikabbli), tordna li jigi zgurat li jsehh il-qerda ta' tali oggetti, materjal jew hwejjeg involuti;

3. tordna lis-socjeta' konvenuta sabiex tastjeni milli taghmel kwalunkwe tip ta' uzu kummercjali ta' l-prodotti farmacewtici li fihom is-sinjal "LAMIFIN".

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra nterpellatorja ta' l-21 ta' Frar, 2003, u ta' l-mandat ta' inibizzjoni numru 451/03 GC datat 8 ta' April, 2003, ilkoll kontra s-socjeta' konvenuta, li hija minn issa ingunta ghas-subizzjoni taghha.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-Avukat Dottor Luigi A. Sansone nomine a fol. 3 tal-process;

Rat li c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuti li naqsu li jipprezentaw nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghu kontumaci;

Semghet ix-xhieda ta' l-atturi u x-xhieda minnu prodotti;

Ezaminat l-atti tal-process;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fic-citazzjoni jirrizultaw pruvat.

Fil-kontumacja tal-konvenuti, tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici, bl-ispejjez kontra l-konvenuti,

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------